**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Marzu, 2001**

**Numru 11**

**Avviz. numru 53/00JR**

**Law Quintano & Co. Ltd.**

**vs**

**Gloria Borg proprio kif ukoll ghan-nom ta' Malata Restaurant, u b'degriet tas-16 ta' Gunju, 2000, gie kjamat in kawza GMK Ltd.**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Jannar, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija u ghaxar liri Maltin u sebghin centezmu (Lm110.70), import ta' merkanzija ta' l-ikel lilha mibjugha ghal Malata Restaurant u debitament konsenjata kif jirrizulta mill-fattura Dok.A;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 30 ta' Novembru, 1999, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-konsenja tal-merkanzija sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-28 ta' Frar, 2000, fejn intqal illi s-somma rikjesta ma hijiex dovuta stante illi l-merkanzija konsenjata setghet tigi rikonsenjata lis-socjeta` attrici, skond ftehim illi kien gie milhuq, kif jigi pruvat waqt il-kawza;**

**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fit-18 ta' Mejju, 2000, fejn intqal illi l-konvenuta mhix il-legittimu kontradittur stante li r-restaurant huwa proprjeta` ta' GMK Ltd..**

**Semgha x-xhieda ta' Nicolai Balzan u John Fenech Soler. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kawza qed issir ghall-hlas ta' merkanzija (foodstuffs) konsenjata lill-konvenuta. Skond il-konvenuta kien hemm ftehim li din tigi mehuda lura jekk ma timxix.**
2. **Nicolai Balzan, li jzomm l-accounts tas-socjeta` attrici, ikkonferma l-ammont dovut. Skond dan il-merkanzija kienet inbieghet lill-**

**konvenuta mis-salesman Carmel Caruana. Hu esebixxa l-invoices relattivi ghall-bejgh.**

3. **Dwar dawna l-invoices it-tribunal innota li l-invoice numru 124460, fl-ammont ta' tmienja u hamsin lira Maltija u disghin centezmu (Lm58.90) kienet harget fuq WNC Holdings Ltd, li kienet is-socjeta` li kienet tiggestixxi r-restaurant qabel is-socjeta` konvenuta.**
4. **Skond John Fenech Soler li kien jiggestixxi r-restaurant imsemmi, dwar dak indikat fl-invoices Dok.C sa Dok.E, is-salesman kien offrilhom li jipprovaw il-prodotti. Dan is-salesman qatt ma ttella jixhed. Ghalhekk ma hemm ebda prova dwar dan il-ftehim li seta sar mas-salesman. Jirrizulta inoltre li parti mill-affarijiet kienu fil-fatt gew uzati.**
5. **Ghalhekk jirrizulta li ghad hemm dovuti lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta is-somom indikati fl-invoices Dok.C sa Dok.E, b'kollox total ta' wiehed u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm51.80), izda mhux l-ammont indikat fid-Dok.B li se mai hu dovut minn haddiehor.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal, filwaqt li jillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju stante li din ma hix il-legittimu kontradittur, qed jilqa' t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza, limitatament fl-ammont ta' wiehed u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm51.80), u jikkundanna lis-socjeta` kjamata in kawza thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' wiehed**

**u hamsin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm51.80), bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Gunju, 1999, sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` kjamata in kawza.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**